MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 78/2012

**MDL Used Cars Ltd**

**Vs**

**Dr. Martin Fenech bhala kuratur deputat nominat sabiex jirrapprezenta l-eredità gjacenti tal-mejjet Gerald Eli Shannon skond digriet moghti tal-11 ta' Jannar 2012 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà MDL Used Cars Ltd. fl-1 ta' Marzu 2012 permezz ta' liema titlob li l-Avukat Dottor Martin Fenech bhala Kuratur Deputat nominat sabiex jirrapprezenta l-eredità gjacenti tal-mejjet Gerald Eli Shannon jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef hames mija u erbghin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€4,540.27) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz 5 Doors Petrol bin-numru ta' Chassis KSP90-5086817 u bin-Numru ta' Registrazzjoni DBS-671, oltre l-imghax

legali, u dan ai termini ta' l-iskrittura privata datata 2 ta' Gunju 2010, redatta bejnha u Gerlad Eli Shannon, illum mejjet, b'liema kuntratt Gerald Eli Shannon kien obbliga ruhu li jixtri u jakkwista minghandha l-vettura imsemmija u dana taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha hemm stipulate, ghall-prezz ta' disat elef sitt mija hamsa u sebghin Euro (€9,675), bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2011 kontra l-Avukat Dottor Martin Fenech nomine;

Rat ir-Risposta tal-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech permezz ta' liema jippremetti li ma huwiex edott mill-fatti u jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri u li di più s-socjetà attrici ghandha tiddikjara jekk tafx jekk il-mejjet Gerald Eli Shannon ghandux eredi gewwa Malta jew x'imkien iehor;

Rat l-affidavit ta' Paul Formosa, rapprezentant tas-socjetà attrici, esebit fil-21 ta' Mejju 2012 a fol. 10 u 11 tal-process u rat id-dokumenti annessi ma' l-istess affidavit markati Dok. "PF1" sa' Dok. "PF7" a fol. 12 sa' 24 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Paul Formosa moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Mejju 2012[1] u tat-12 ta' Lulju 2012[2] u rat id-dokument minnu esebit waqt din l-ahhar seduta markat Dok. "GV1" a fol. 28 sa' 34 tal-process;
Rat li waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012 l-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech iddikjara li ma ghandux provi x'jressaq;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-Avukat Dottor Martin Fenech, bhala Kuratur Deputat ghall-eredità gjacenti ta' Gerald Eli Shannon, jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €4,540.27, bilanc minn somma ikbar rapprezentanti l-prezz ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz 5 Doors Petrol bin-Numru ta' Chassis KSP90-5086817 u bin-Numru ta' Registrazzjoni DBS-671, oltre l-imghax

---
[1] Fol. 25 sa' 26 tal-process.
[2] Fol. 35 tal-process.

legali, ai termini ta’ skrittura privata datata 2 ta’ Gunju 2010 bis-sahha ta’ liema Gerald Eli Shannon kien obbliga ruhu li jixtri u jakkwista l-imsemmija vettura minghandha versu l-prezz ta’ €9,675. Fir-Risposta tieghu ghat-talba attrici l-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech irrisponda li ma huwiex edott mill-fatti u li ghalhekk jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri u li di più s-socjetà attrici ghandha tiddikjara jekk tafx jekk il-mejjet Gerald Eli Shannon ghandux eredi gewwa Malta jew x’imkien iehor.

Ghalkemm bir-Risposta tieghu l-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech mhux qed jikkontesta l-meritu *per se* tat-talba attrici, is-socjetà attrici hija fi kwalunkwe kaz obbligata li tipprova l-premessi fuq liema tinsab ibbazata l-azzjoni odjerna. Din l-osservazzjoni ssib konferma f’diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Maria mart l-imsiefer Philip Debono et noe v. Avukat Dr. Paolo Mercieca et noe, Appell Civili Nru. 73/58** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Jannar 2004, fejn inghad *din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm l-ewwel Qorti setghet liberament tillimita ruhha ghal dak li gie formalment eccepit mill-parti konvenuta u tiehu l-premessi attrici bhala konfermati in mankanza ta’ oppozizzjoni specifika dwarhom mill-parti avversa, fl-istess waqt ma kien hemm xejn milli jippreokludiha li tkun ukoll sodisfatta li dak li ppremettiet l-attrici gie ppruvat u huwa legalment korrett. Ezercizzju tali jinkwadra ruhu fil-parametri ta’ dak li jista’ jaghmel gudikant qabel jasal ghall-gudizzju tieghu u ma jammontax ghal holqien ta’ eccezzjonijiet godda… Bil-fatt li l-parti konvenuta ghazlet li tikkontesta t-titolu jew dritt vantat mill-attrici bl-asserzjoni li hija ghandha titolu pozjuri u superjuri hija inkorriet ir-riskju reali li l-ewwel Qorti setghet assumiet li ma kien hemm xejn aktar x’jigi ppruvat mill-attrici u marret kwindi mill-ewwel biex tikkunsidra l-eccezzjoni li giet sollevata mill-parti konvenuta. L-ewwel Qorti dehrilha li xorta wahda ghandha tisma’ u tiddeciedi fuq il-premessi ta’ l-attrici u finalment spiccat biex cahdithom u waqfet hemm. Ghandu hawn jinghad li anke f’kawzi fejn konvenut baqa’ kontumaci hemm diversi precedenti fejn il-Qorti xorta*

*wahda esigiet li l-attur jaghmel il-provi tieghu ghall-konvinciment taghha,*

Minn ezami tal-provi prodotti mis-socjetà attrici – senjatament mill-affidavit ta' Paul Formosa, rapprezentant tas-socjetà attrici, u mid-dokumenti minnu esebiti[3] – jirrizulta b'mod car li t-talba attrici kif impostata ma tistax tigi milqugha. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni in bazi ghall-fatt li s-socjetà attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' vettura, mibjugha permezz ta' *hire purchase agreement*, li fiz-zmien tal-prezentata ta' dawn il-proceduri kienet già tinsab fil-pussess taghha.

Mill-affidavit ta' Paul Formosa u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li fit-2 ta' Gunju 2010 is-socjetà attrici kienet dahlet f'*hire purchase agreement* ma' Gerald Eli Shannon dwar vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz 5 Doors Petrol bin-Numru ta' Chassis KSP90-5086817 li kienet tiswa €9,675. Bis-sahha ta' dan il-ftehim Gerald Eli Shannon kien fost affarijiet ohra obbliga ruhu li jhallas il-bilanc dovut fuq din il-vettura wara l-hlas tad-deposit, permezz ta' 36 kambjala tal-valur ta' €224 il-wahda, liema kambjali kienu jaghlqu u jsiru dovuti fit-tieni gurnata ta' kull xahar, u s-socjetà attrici kienet irriservat id-dritt favur taghha li tittermina l-ftehim, minghajr il-htiega ta' proceduri legali ghal hekk, kemm-il darba Shannon jaqa' lura u jibqa' moruz fil-hlas ta' tlett pagamenti jew ammont ekwivalenti.

Sa' l-10 ta' Settembru 2011 Gerald Eli Shannon kien hallas 15 minn dawn 36 kambjala izda fl-ahhar ta' Ottubru 2011 is-socjetà attrici giet infurmata li Gerlad Eli Shannon kien miet. In effetti mic-certifikat tal-mewt ta' Gerald Eli Shannon esebit mis-socjetà attrici bhala Dok. "PF5" a fol. 21 tal-process jirrizulta li Shannon miet fil-25 ta' Settembru 2011. Peress illi, fi kliem Paul Formosa stess, *f'Ottubru 2011 kien ghad fadal bilanc ta' €4,424.78 x'jithallas fuq il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni DBS-671, bi ftehim ma' Katrina Gasper Azzopardi* (il-persuna li nfurmathom li Gerald Eli Shannon

[3] Fol. 10 sa' 24 tal-process.

kien miet) *il-vettura giet ritornata lura lilna, jigifieri lil MDL Used Cars Limited*.

Fil-fehma tal-Qorti ladarba fiz-zmien tal-prezentata ta' dawn il-proceduri – l-1 ta' Marzu 2012 – is-socjetà attrici già kellha l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DBS-671 fil-pussess taghha, hija llum ma tistax tesigi l-hlas tar-rimanenti bilanc kollu mill-prezz ta' l-istess imsemmija vettura. Fil-mument li s-socjetà attrici hadet lura l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DBS-671 – ghad illi meta hadet tali vettura lura ma kienx hemm tlett pagamenti rateali, jew ammont ekwivalenti, dovuti u mhux imhallsa – hija giet li tterminat il-ftehim tat-2 ta' Gunju 2010 u l-uniku hlas li se mai hija intitolata ghalih huwa dak ghall-kambjali li kienu ghalqu u saru dovuti saz-zmien meta effettivament hadet il-vettura lura.

Il-fatt li Gerald Eli Shannon obbliga ruhu li jhallas lis-socjetà attrici permezz ta' 36 kambjala tal-valur ta' €224 il-wahda ma jbiddel assolutament xejn mis-sitwazzjoni u jibqa' l-fatt li ladarba s-socjetà attrici minn jeddha tterminat il-ftehim li kellha ma Shannon l-uniku hlas li hija intitolata ghalih huwa biss il-hlas tal-kambjali li ghalqu u saru dovuti qabel ma' l-vettura giet konsenjata lura lilha.

Konferma ta' din l-osservazzjoni tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Maggur Hannibal A. Scicluna M.B.E. nomine v. Charles Vella nomine**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Marzu 1965, fejn inghad illi *konsidrat il-ftehim bhala wiehed ta' bejgh u mitluba r-risoluzzjoni tieghu minhabba n-nuqqas tal-hlas miftiehem, hu evidenti li ma jistax jintalab ukoll il-hlas bazi tad-domanda precedenti billi differentement tkun qeghda titnehha dika l-bazi; issa mir-rizultanzi processwali hu ovvju li s-socjetà attrici trid tinsisti ghar-risoluzzjoni tal-ftehim u fil-fatt ga rceviet il-konsenja tal-karozza minghand il-konvenut nomine li donnu minghalih li kien dispost ukoll ihallas il-kambalijiet skaduti sad-domanda attrici. <u>Il-konsegwenza allura trid tkun li ebda hlas m'hu dovut skond ir-rati miftehma biex il-bejgh isehh, la darba dan qieghed jigi rizolut, salv ir-regolament tal-posizzjoni bejn il-kontendenti kif hu xieraq in vista' ta' l-istess risoluzzjoni: dana ghandu wkoll isir fil-</u>*

*kaz prezenti, allavolja r-rata miftehma hi rapprezentata minn kambjalijiet billi l-kawza prezenti, anke dwar l-ewwel domanda, ma tistax titqies bhala azzjoni kambjarja semplici u pura izda dawn bhala haga attinenti ghall-iskrittura li giet ukoll ezibita, b'mod li l-azzjoni relattiva trid issofri modifikazzjoni mill-patti li jirregolaw il-ftehim generali rizultanti minn dik l-iskrittura ghaliex b'dana l-mod il-kambjalijiet gew tilfu l-awtonomija taghhom bhala titoli ta' kreditu indipendenti, li ghandu jkun hemm jiftiehem ahjar mill-konsiderazzjoni li l-kambjalijiet l-ohra firmati skond l-iskrittura li ma skadewx sakemm saret l-istanza prezenti ma ghandhomx jibqghu jezistu izjed mar-risoluzzjoni tal-ftehim li ta lok ghall-accettazzjoni taghhom…*[4]

Mill-affidavit ta' Paul Formosa jirrizulta li s-socjetà attrici giet infurmata bil-mewt ta' Gerald Eli Shannon fl-ahhar ta' Ottubru 2011 u kien f'dak l-istess xahar li hadet pussess lura tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DBS-671. Minn dan isegwi ghalhekk illi fid-dawl ta' dak appena osservat, il-kambjali li kienu ghadhom pendenti wara l-ahhar ta' Ottubru 2011 ma baqghux iktar dovuti lil u konsegwentement esegwibbli mis-socjetà attrici. Mid-dokument Dok. "PF7" a fol. 24 tal-process jirrizulta li fit-2 ta' Ottubru 2011 ghalqet u saret dovuta l-kambjala Nru. 16 ghall-valur ta' €224, izda mid-dokument Dok. "PF3" a fol. 15 u 16 tal-process jirrizulta li l-kambjala kienet tifforma parti mill-meritu ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Dicembru 2011, permezz ta' liema s-socjetà attrici interpellat lill-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech in rapprezentanza ta' l-eredi assenti tal-mejjet Gerald Eli Shannon ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' €672 li parti minnha kien appuntu l-import tal-kambjala li ghalqet u saret dovuta fit-2 ta' Ottubru 2011. Jirrizulta li din l-ittra ufficjali giet notifikata u ma rrizultax li l-istess giet kontestata u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess saret titolu ezekuttiv u konsegwentement il-hlas tal-kambjala li ghalqet u saret dovuta fit-2 ta' Ottubru 2011 ma jistax u ma ghandux

---

[4] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta – Vol. XXXXIXE – III – 1145. Sottolinear ta' din il-Qorti.

jintalab u jigi ottenut mis-socjetà attrici permezz ta’ dawn il-proceduri.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk kjarament jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici kif minnha impostata ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghalkemm Paul Formosa jiggustifika l-azzjoni odjerna billi jghid li *minhabba li sabiex isir trasferiment tal-vettura skond ir-regolmenti hemm bzonn il-firma tal-mejjet Gerald Eli Shannon fuq wara tac-certifikat ta’ reigstrazzjoni (log book) naturalment dan ma kienx possibbli. Illi ghaldaqstant kien mehteig li jigu segwiti dawn l-proceduri legali li s-socjetà MDL Used Cars Limited pprezentat fl-1 ta’ Marzu 2012 fil-konfront tal-kuratur deputat nominat sabiex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Shannon skond digriet tal-11 ta’ Jannar 2012,* il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni odjerna ma hijiex ir-rimedju disponibbli lil u li kellu jigi segwit mis-socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------